DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR162044** **23.09.2016**

**STQARRIJA MAĦRUĠA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Delegazzjoni mill-Fondazzjoni Nanniet Malta tagħmel żjara ta' korteżija lill-Ispeaker***

"Huwa ta' sodisfazzjon li nilqagħkom hawn għat-tielet sena konsekuttiva biex, bħalma kont ta' sostenn għall-fondazzjoni fil-bidu tat-twaqqif tagħha fl-2013, fejn fl-ewwel sessjoni plenarja tressqet mozzjoni, liema mozzjoni għaddiet bi qbil bejn iż-żewġt naħat tal-Kamra nhar it-12 ta' Marzu 2014, u b'hekk t-tieni Ħadd ta' Ottubru beda jkun rikonoxxut bħala 'Jum in-Nanniet ', hekk se nkompli nagħmel fil-futur". Dan qalu l-Ispeaker Anġlu Farrugia meta dalgħodu rċieva żjara ta' korteżija mill-membri tal-Fondazzjoni Nanniet Malta f'għeluq it-tielet anniversarju mit-twaqqif tal-fondazzjoni.

L-Ispeaker Anġlu Farrugia qal ukoll li huwa kburi li bħala l-Ispeaker tal-Parlament Malti, kien u għadu l-unika Parlament fl-Unjoni Ewropeja li fetaħ il-bibien sabiex tiġi rikonoxxuta din il-fondazzjoni u ħidmietha.

Il-fundattur tal-fondazzjoni Philip Chircop irringrazzja lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati tas-sostenn li dejjem ta lill-fondazzjoni. Huwa informa wkoll li llum il-Fondazzjoni Nanniet Malta hija wkoll membru sħiħ fl-organizazzjoni Ewropea Age Platform Europe.

Matul il-laqgħa ġew diskussi diversi temi relatati mar-realtajiet li jaffaċċjaw il-familji Maltin u l-importanza li llum għandhom in-nanniet fit-trobbija tan-neputijiet, kif ukoll dwar diversi nanniet li jinsabu jsoffru hekk kif jinsabu maqtugħa mill-familja u saħansitra impeduti milli jaraw l-istess neputijiet.

**Attachments: ritratti** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**